## 23 ta' Ġunju, 1967

**Imħallfin**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D. — President**
**Onor. Prof. J.J. Cremona, K.M., LL.D., B.A., D.Litt. (Rome), B.A., Hons. (Lond.), Ph.D. (Lond.), F.R.Hist.S. — Viċi-President**
**Onor. J. Flores, B.L. Can., LL.D.**

Saviour Bonnici

*versus*

Giuseppe Bonnici

**Kuntratt korrezzjoni ta' — Rexissjoni ta' — Ammont dovut — Skond — Kalkolu ta' — Żball fil — Preskrizzjoni, brevi — Sentejn, ta' — Ħames snin ta'**

***Meta** l-ammont dovut skond kuntratt jkun żbaljat minħabba żball fil-mod kif dak l-ammont jkun ġie kalkolat, ma hemmx lok għar-rexissjoni tal-kuntratt minħabba żball, għax fil-fatt ma jkun hemm l-ebda difett fil-volontà tal-partijiet kontraenti. Għalhekk ma humiex opponibbli għal min jitlob dikjarazzjoni li l-ammont realment dovut skond dak il-kuntratt ġie kompletament imħallas il-preskrizzjonijiet qosra ta' sentejn jew ta' ħames snin.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tagħha r-Reġina li bih l-attur wara li ppremetta illi huwa għandu inskritta kontra tiegħu fir-Reġistru Pubbliku Ipoteka Numru 1549/50 għal dejn ammontanti għal elfejn erba' mija u erba' u ħamsin lira, tliet xelini u għaxar soldi (£2454. 3s. 10d) versu l-konvenut; u li hu jirritjeni li dana d-debitu huwa sodisfatt fl-interezza tiegħu, jew almenu

għad fadal ammont żgħir dovut; u li l-konvenut nonostante dana la kkanċella l-istess iskrizzjoni ipotekarja u lanqas irriduċi għall-ammont li huwa stess jammetti li huwa sodisfatt minnu; talab li — premessa kwalunkwe dikjarazzjoni neċessarja speċjalment dik illi l-prezz taċ-ċessjoni li minnha origina dan id-dejn kien żbaljat u sodisfatt kollu, u mogħti kull provvediment opportun, il-konvenut jiġi kkundannat li jikkanċella l-istess iskrizzjoni ipotekarja fuq imsemmija jew, jekk jirriżulta li għadu dovut xi ammont li jirriduċiha u jżommha ferma għall-istess ammont fiss u (2) il-Qorti tinnomina Nutar biex jirċevi l-att u kuraturi biex jirrappreżentaw il-kontumaċi. Bl-ispejjeż.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha qal li (a) id-dikjarazzjonijiet tal-konvenut mitluba fl-att taċ-ċitazzjoni li l-prezz taċ-ċessjoni kien żbaljat u li dak il-prezz ġie sodisfatt kollu ġew deċiżi minn din il-Qorti fis-16 ta' Ottubru, 1964 fil-kawża fl-istess ismijiet u għalhekk għandhom jiġu miċħuda, (b) hu mhux obbligat jikkanċella iskrizzjoni ipotekarja qabel ma jitħallas; kwantu għar-riduzzjoni din ma ssirx qabel ma l-attur jaqbel fuq il-bilanċ li għadu dovut, u (3) it-tielet domanda għan-nomina ta' Nutar u *kuraturi* hija żejda għaliex l-attur seta' talab ordni għall-kanċellament għat-tenur tal-artikolu 271 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili. Għalhekk id-domandi kollha għandhom jiġu miċħuda;

Rat il-verbal tal-21 ta' Diċembru, 1965 minn fejn jirriżulta li l-eċċezzjoni mogħtija fl-ewwel lok, hawn fuq riportata, ġiet rinunzjata;

Rat l-atti tal-kawża preċedenti, deċiża finalment fis-16 ta' Ottubru, 1964 li għaliha saret riferenza;

Rat is-sentenza ta' *dik il-Qorti ta'* l-24 ta' Novembru 1966 li biha pprovdiet fuq l-istanza attriċi billi (a) iddikjarat li d-

debitu tal-attur lejn il-konvenut kif imniżżel fl-att taċ-ċessjoni huwa żbaljat billi jrid jiġi korrett u cioè ridott bin-nofs tat-tliet ammonti msemmija fil-konsiderandi (b) iddikjarat li dana d-debitu hekk ridott u korrett (salva l-preċisazzjoni tal-ammont ġà dovut lill-Banka (Tagliaferro) jinsab totalment sodisfatt bil-ħlasijiet li għamel l-attur lill-konvenut u konsegwentement (c) ikkundannat lill-konvenut biex jidher fuq l-att opportun ta' kanċellament li għandu jiġi pubblikat minn Nutar Dottor Carmelo Giuseppe Vella fit-2 ta' Diċembru, 1966 fit-3 p.m. f'waħda mill-Awli ta' dawn il-Qrati Superjuri bl-intervent tal-Avukat Dottor Louis Camilleri, nominat kuratur biex jirrappreżenta lill-konvenut jekk dan ma jidhirx. L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenut ad eċċezzjoni tat-talba li tidher bħala t-tieni u l-aħħar talba fiċ-ċitazzjoni li jitħallsu mill-attur, kompriżi d-drittijiet u spejjeż tal-pubblikazzjoni tal-att u dawk tal-kuraturi wara li kkunsidrat:

Omissis.

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut u l-petizzjoni tiegħu li biha talab li dik is-sentenza tiġi riformata billi tiġi konfermata in kwantu għall-ispejjeż deċiżi kontra l-attur u tiġi revokata għall-bqija, billi hekk jiġu miċħuda t-talbiet ta' l-attur bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu.

Rat ir-risposta ta' l-attur li qal illi s-sentenza appellata hi ġusta u tistħoqq konferma bl-ispejjeż.

Rat l-atti kollha tal-kawża, segħet it-trattazzjoni u kkunsidrat —

Qabel din il-kawża, kien hemm kawża oħra bejn l-istess partijiet li kienet ġiet deċiża finalment mill-Qorti tal-Kummerċ fis-16 ta' Ottubru, 1964. F'dik il-kawża l-appellat tal-lum, bħala attur, wara li ppremetta illi mill-kuntratt fl-atti tan-Nu-

tar Calleja Schembri tad-29 ta' April, 1950 kien jidher li hu kien debitur ta' l-appellant (allura konvenut) fis-somma ta' £2454.3.10 u li dak id-dejn kien jinsab soddisfatt, talab li l-Qorti tordna l-kanċellament tar-relativa iskrizzjoni ipotekarja. *Fil-kors ta' dik il-kawża irriżulta illi l-pretensjoni ta' l-appellat* kienet, sostanzjalment, illi ċifra tad-debitu tiegħu, kif kienet tidher fl-imsemmi kuntratt, kienet żbaljata u li jekk tittieħed konsiderazzjoni ta' l-iżball, il-ħlasijiet li hu kien għamel kienu jkopru, anzi jissuperaw b'xi ftit, id-debitu reali tiegħu lejn l-appellant. Peress illi l-Qorti tal-Kummerċ dehrilha illi din il-pretensjoni ta' l-appellat ma kienitx tidħol fil-kawża li kif dedotta u l-azzjoni tiegħu ma setgħatx tiġi salvata **mingħajr ma kienet intalbet fl-istess ċitazzjoni** jew ġiet xort'oħra ottenuta **dikjarazzjoni ġudizzjali illi l-prezz taċ-ċessjoni kif kien ġie stabbilit fl-imsemmi kuntratt kien żbaljat**, dik il-Qorti, b'sentenza preliminari tagħha, tas-26 ta' Ġunju, 1964, tat żmien ta' xahar lill-appellat biex jiddeduċi l-azzjoni opportuna permezz ta' ċitazzjoni. Iżda dak iż-żmien għadda mingħajr ma l-appellat istitwixxa dik il-kawża u għalhekk, bis-sentenza finali tagħha tas-16 ta' Ottubru, 1964 dik il-Qorti, wara li irrilevat illi ċ-ċitazzjoni ta' l-appellat, jekk mhux għal kollox żbaljata, **ma kienitx preċeduta minn dikjarazzjoni li kienet indispensabbli** għall-propożizzjoni tad-domanda prinċipali illiberat lill-appellant mill-osservanza tal-ġudizzju.

Issa bil-kawża preżenti, l-appellant, in sostanza, ma għamilx ħaġ'oħra, — għal dak li hu mod preċedurali tal-propożizzjoni ta' l-azzjoni, — ħlief li ipprova jirrimedja għad-difett illi l-Qorti tal-Kummerċ kienet sabet, kif intqal hawn fuq, fiċ-ċitazzjoni preċedenti tiegħu. Fil-waqt, difatti, illi l-premessi taċ-ċitazzjoni preżenti huma sostanzjalment l-istess bħal fiċ-ċitazzjoni preċedenti, u sostanzjalment l-istess huma domandi finali ħlief illi din id-darba hu ipprospetta l-alternattiva tar-riduzzjoni ta' l-iskrizzjoni ipotekarja), **din id-darba l-appellat, preordinatament għat-talbiet finali, talab li tiġi speċjalment**

premessa d-dikjarazzjoni illi l-prezz taċ-ċessjoni li minnha oriġina d-debitu tiegħu lejn l-appellant kien żbaljat.

S'intendi, l-appellat kellu kull dritt li jipproċedi b'dan il-mod nonostante li, qabel, kien naqas li jistitwixxi azzjoni fiż-żmien li, kif intqal hawn fu, il-Qorti tal-Kummerċ kienet iffissatlu biex jaġixxi, u nonostanti s-sentenza ta' liberazzjoni "ab observantia" mogħtija kontra tiegħu f'dik il-kawża preċedenti minħabba dak in-nuqqas — jekk, altrimenti, l-azzjoni preżenti tiegħu hi ammissibbli, kif ser jiġi issa eżaminat.

L-ewwel Onorabbli Qorti akkoljiet it-talbiet ta' l-appellat, billi rriteniet illi tassew jirriżulta illi, fil-kalkolu tal-prezz taċ-ċessjoni, u kwindi fl-ammont iffissat bħala debitu ta' l-appellat, kien ittieħed żball.

Kontra s-sentenza ta' l-ewwel Onorabbli Qorti l-appellant issottometta diversi aggravji. L-ewwel wieħed mill-aggravji tiegħu espost fil-petizzjoni ta' l-appell, fis-sens illi l-kawża ġiet deċiża minn dik l-Onorabbli Qorti mingħajr ma semgħet il-provi tiegħu u f'mument meta kien sprovvist minn difensur — apparti milli ma jidhirx fondat bħala fatt, — ġie, fi kwalunkwe każ. inkontrat f'din l-istanza billi l-Qorti, anki bl-adesjoni ta' l-appellat, tat kull opportunità lill-istess appellant li jressaq provi.

Qabel ma jiġu eżaminati l-aggravji l-oħra dedotti fil-petizzjoni ta' l-appell u elaborati fit-trattazzjoni ta' l-appell, hu opportun li tiġi diskussa eċċezzjoni ġdida li l-appellant ma kien bl-ebda mod issolleva fi prim'istanza, u li, kieku fondata, tirrendi superfluwu kull indaġni oħra.

Bin-nota tiegħu, preżentata fit-3 ta' Frar, 1967 l-appellant eċċepixxa l-"preskrizzjoni għat-termini ta' l-artikoli 1266 u 1268 tal-Kodiċi Ċivili". L-artikolu 1266, sa fejn hu rilevanti,

jiddisponi illi l-azzjoni għar-rexissjoni ta' kuntratt minħabba żball, taqa' bil-preskrizzjoni ta' sentejn (dekorribbli, skond l-art.1367, mill-ġurnata li fiha l-iżball jinkixef); u l-artikolu 1268 jiddisponi illi, f'kull każ ieħor mhux kopert bl-artikoli 1266 u 1267, id-dritt ta' azzjoni għar-rexissjoni ta' obbligazzjoni hu preskritt bl-għeluq ta' ħames snin minn dak inhar li l-azzjoni setgħet tiġi eżerċitata.

Ir-raġjonament ta' l-appellant, kif jidher min-nota ta' l-osservazzjonijiet tiegħu preżentata fis-7 ta' Ġunju, 1967, huwa ..., it-talba ta' l-appellat biex tiġi premessa d-dikjarazzjoni illi l-ammont tad-debitu tiegħu kif iffissat fil-kuntratt hu żbaljat, ammonta għal domanda għall-impunjazzjoni tal-kuntratt minħabba errur, u "l-akkoljiment ta' din id-domanda neċessarjament jimplika" — jgħid l-appellat — "ir-rexissjoni tal-kuntratt". Issa l-iżball pretiż mill-appellat — ikompli jgħid l-appellant — jekk kien jeżisti ġie skopert mill-appellat wisq iżjed minn sentejn qabel ippreżenta ċ-ċitazzjoni preżenti u għalhekk l-azzjoni tiegħu hi preskritta skond l-imsemmi artikolu 1266; u, jekk anke mhux preskritta skond dak l-artikolu, hi żgur preskritta fl-għeluq ta' ħames snin skond l-imsemmi artikolu 1268.

Il-Qorti hi ta' fehma illi din l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ma hiex fondata. Hu terren komuni bejn il-partijiet illi l-ammont ta' £4954. 3. 10 li, bil-kuntratt in kwistjoni, l-appellat obliga ruħu li jħallas lill-appellant għas-sald ta' kwalunkwe pretensjoni tiegħu fuq il-ħanut u d-ditta "Puma", ma kienx ir-riżultat ta' xi prezz fissat addoċċ jew negozjat bejniethom iżda kien ir-riżultat ta' kont illi l-iskrivani tal-partijiet kienu ikkompilaw mill-kotba tan-negozju tagħhom u dokumenti oħra u li l-partijiet addottaw fuq l-assunt illi kien korrett u fuq l-assunt in partikolari, illi l-bilanċ dovut lill-Banka Tagliaferro, li għall-ħlas tiegħu obbliga ruħu l-appellat kien ta' £1435 biss oltre l-imgħaxijiet. L-intenzjoni tal-partijiet — inkluż l-

appellant — kienet manifestament dik illi l-ammont li l-appellat kellu, jħallas lill-appellant kellu jkun l-ammont **korrett** kalkolat fuq **dik il-bażi**: *ovvjament* ma kienitx intenzjoni ta' l-*appellat li jħallas jew ta' l-appellat li jirċevi* ***iżjed minn*** *dak li* l-kont, suppost li magħmul tajjeb, kien jilleġittima. Li **din** kienet l-intenzjoni u l-volontà taż-żewġ partijiet, inkluż l-**istess** appellant, jidher *mid-deposizzjoni ta'* l-appellant innifsu quddiem din il-Qorti fejn ammetta, dwar xi żball ieħor f'dak il-kalkolu, illi "**Wara li sar il-kuntratt** (l-appellat) ippretenda li kien hemm xi żball u hu (*ċioè* l-*appellant*) bagħat lis-Sur Micallef biex jivverifika **u fil-każ jagħmel il-korrezzjoni meħtieġa**: l-iskrivan, fil-fatt, mar il-ħanut, ra xi żball kien hemm (li kien jirrigwarda l-furs) *u fil-fatt* qata' d-differenza minn dak li (l-appellat) kellu jagħtih". Dan hu konfermat **minn** Salvino Micallef u minn Joseph Axiaq. Dan juri illi, **malli**, *wara* ***l-kuntratt****, ġew konstatati żbalji ta' l-istock taking jew ta'* kalkolu li, fuq il-bażi tagħhom, kien ġie stabbilit l-ammont **tad**-debitu li l-appellat kellu jħallas lill-appellant, l-appellant **in**-nifsu irrikonoxxa u ammetta illi l-korrezzjoni kellha ġustament issir.

Issa l-pretensjoni *ta'* l-appellat f'din il-kawża hi sempliċement illi, **oltre** l-iżbalji li ġa ġew *koretti* u *rimedjati*, hemm żball ieħor li jirigwarda l-bilanċ tad-debitu dovut lill-Banka Tagliaferro li, similment għandu jiġi korrett biex ikun stabbilit sewwa, kif il-partijiet it-tnejn riedu u intendew li kellu jkun stabbilit. Dan l-iżball ġie skopert ukoll wara l-kuntratt, u dan jidher mhux biss mix-xhieda ta' l-appellat iżda wkoll — ap*parti* xhieda oħra fil-kawża l-*oħra fuq* imsemmija — mix-xhieda ta' Salvino Micallef u ta' Joseph Axiaq. Micallef xehed illi meta hu kien għamel l-ewwel darba il-Balance Sheet hu *kien* ikkopja ċ-ċifra tad-*debitu ta'* Tagliaferro mill-Bank stess: irriżulta li ċ-ċifra kienet żbaljata, iżda sadattant fil-kotba tad-ditta (li fuqhom ġie kalkolat l-ammont **għall-finijiet** tal-kuntratt) l-iżball oriġinali baqa' jiġi perpetwat; u **Axiaq** xehed illi

xi sentejn wara l-kuntratt jaf li Tagliaferro kienu indunaw li kien sar żball kontra tagħhom fil-kont tad-ditta u bagħtu "debit note" ta' xi £660 biex jirrettifikaw dak li żball li kien baqa' jidher fil-kotba tad-ditta".

Minn dana kollu jidher illi l-azzjoni ta' l-appellat m'hi bl-ebda mod diretta għar-rexissjoni tal-kuntratt. L-appellat m'hux jitlob bl-ebda mod illi -kuntratt jiġi annullat jew riżolut minħabba l-iżball ta' kalkolu li sar: hu qed jitlob biss li l-Qorti tikkonstata illi kien hemm żball ta' kalkolu, dovut għal sviżta taż-żewġ partijiet, minħabba li l-kotba tad-ditta li minnhom jnħareġ l-ammont ma kienux ġew korretti: u din il-konstatazzjoni l-appellat iridha biex jista' jiġi aċċertat illi l-ammont vera u reali tad-debitu tiegħu lejn l-appellant, kif il-partijiet intendewh u riedu, kieku l-kalkolu kien tajjeb, jitqies li ġie issa mħallas kollu. L-akkoljiment tad-dikjarazzjoni ta' l-iżball mhux talli ma "timplikax neċessarjament ir-rexissjoni tal-kuntratt", kif jgħid l-appellant, iżda talli anzi, għall-kuntrarju jikkonferma u jeffettwa l-kuntratt skond il-volontà tal-partijiet u r-realtà li fuqha intendew jibbażawh. Bil-konstatazzjoni ta' dak li żball xejn minn dak kollu li sar bil-kuntratt ma għandu bżonn jew ser jiġi rexiss: l-uniku effett ser ikun illi l-appellant ma jieħux iżjed minn dak li hu verament ried, skond il-kuntratt; illi jieħu jew li l-appellat ried jagħtih.

Għalhekk l-preskrizzjonijiet eċċepiti riferibbli għall-azzjoni ta' rexissjoni m'humiex applikabbli, u l-eċċezzjoni relativa ma tistax tiġi milqugħa. Il-Qorti, s'intendi, ma tistax teżamina ipotesijiet oħra ta' preskrizzjoni, anki jekk talvolta hemm, li ma ġewx eċċepiti.

Indipendentement, però, mill-kwistjoni tal-preskrizzjoni l-appellant jissottometti illi, fi kwalunkwe każ, jekk kien hemm żball fil-kuntratt, dan kien żball ta' fatt li ma jolqotx is-sostanza taċ-ċessjoni eżegwita bil-kuntratt u għalhekk ma jistax

iservi ta' bażi għal-impunjazzjoni tal-kuntratt (art. 1019. Inoltre — ikompli jgħid l-appellant — kien l-istess appellat li kien responsabbli għall-amministrazzjoni tad-ditta u li kien għak-konjizzjoni tal-fatti, u kwindi, hu ma jistax jilmenta minn kwalunkwe żball li sata' sar.

Iżda, fil-fehma tal-Qorti, anqas dawn is-sottomissjonijiet ma jistgħu jiġu milqugħa. L-artikolu 1019 tal-Kodiċi Ċivili invokat mill-appellant jirriferixxi għall-iżball ta' fatt sollevat bħala kawża ta' **nullità tal-kuntratt.** Iżda, kif ġa intqal, dan mhux l-iskop jew l-effett ta' l-azzjoni ta' l-appellant jew tad-dikjarazzjoni preordinata għat-talba tiegħu: l-iskop u l-effett huma biss, biex jiġi ripetut dak li ġa ntqal fuq, illi ċifra indikata ħażin fil-kuntratt minħabba żball li ħadd mil-partijiet ma ried, tiġi restitwita għar-realtà vera tagħha fil-kontest tal-kuntratt li ser jibqa' jseħħ, altrimenti fil-partijiet u l-effetti kollha tiegħu.

U, għalkemm, hu veru illi kien l-appellat li kien jieħu ħsieb hu u jmexxi l-assoċjazzjoni li kellu ma l-appellant, b'dana kollu hu mhux prekluż, fil-fehma tal-Qorti, milli jitlob irrimedju invokat fiċ-ċitazzjoni. Kif xehdu tant Salvinu Micallef kemm Joseph Axiaq, l-iżball oriġina mill-kotba tad-ditta għaliex ma ġewx rattifikati meta l-Banka Tagliaferro indunat bl-iżball tal-kont tagħha u bagħtet id-"debit note". Dawk il-kotba kienu iżommuhom skrivani impjegati mid-ditta u li statements jew informazzjonijiet li fuqhom ġie ikkalkolat l-ammont għall-finijiet tal-kuntratt għamluhom l-iskrivani. L-appellant innifsu xehed illi, meta ġew biex jinfirdu, ċioè hu u l-appellat, kien l-iskrivan li għamel il-kontijiet anki jekk assistit mill-appellat. Fuq kollox, imbagħad, l-iżball ġara għax inizjalment kien sar akkreditament ħażin fil-kotba tal-Banka Tagliaferro, li għalihom żgur li ma kienx responsabbli l-appellat, u l-appellant stess jirrikonoxxi li l-Bank indunaw b'dan l-iżball "wara li sar il-kuntratt, żmien wara".

Mill-bqija, li tassew ġara l-iżball mhux serjament kontestat anqas mill-istess appellant. Kif dan l-iżball ġara ġie spjegat mix-xhieda fil-kawża, kif ukoll mix-xhieda f'din il-kawża u din il-Qorti, fuq din il-kwistjoni ma jidhrilha li tista' iżied xejn utili ma l-espożizzjoni dettaljata magħmula fis-sentenza appellata. Jekk, minħabba li sar dak l-iżball, il-bilanċ dovut mid-ditta lill-Banka Tagliaferro kif indikat fil-kuntratt ġie sottovalutat, mentri li l-appellat, wara li inkixef li żball wara l-kuntratt, kellu jħallas u fil-fatt ħallas hu waħdu lill-Bank, ammont akbar, hu evidentement ġust illi, jitnaqqas korrispondentement l-ammont li l-appellat kellu jagħti lill-appellant.

Kif xehed Joseph Axiaq, meta jsir il-kont korrett, kif messu jkun, mingħajr l-iżbalji — sew dak dwar il-kont tal-Banka kemm iż-żewġ żbalji l-oħra — l-appellat jiġi li ħallas kull ma kellu ġustament jagħti lill-appellant, anzi xi ħaġa iżjed.

Għalhekk il-Qorti tiddeċidi billi —

1. Tiċħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni opposta mill-appellant, u

2. Tiċħad l-appell u kwindi tikkonferma s-sentenza appellata b'dana illi l-kuntratt isir fl-10 ta' Lulju, 1967 fil-11 a.m.

L-ispejjeż ta' l-appell jitħallsu mill-appellant.